EQUALITY CERTIFIED
NCPE

## KIF GĦANDEK TAPPLIKA?

**Jekk taħseb li l-organizzazzjoni tiegħek ħaqqha tingħata l-Marka tal-Ugwaljanza, kull m'għandek tagħmel hu li tikkuntattjana biex tapplika.**

**L-NCPE toffrilek l-għajnuna li tkun teħtieġ waqt il-proċess tal-applikazzjoni u tipprovdik b'aktar tagħrif imfassal skont il-ħtiġijiet partikolari tal-organizzazzjoni tiegħek.**

NCPE


**Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)**
Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010 - Malta
Tel: +356 2590 3850   Email: equality@gov.mt
www.equality.gov.mt


ESF 3.47 ETC FHRD all about people GWU MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION uhm UNION ĦADDIEMA MAGĦQUDIN


Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu ħiliitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
*Ninvestu fil-futur tiegħek*

Mitbugħ fuq karta riċiklata


NCPE

NINVESTU FIL-FUTUR TIEGĦEK
FOND SOĊJALI EWROPEW
MALTA 2007-2013



# Għandek il-Marka tal-Ugwaljanza?

## X'INHI L-MARKA TAL-UGWALJANZA?

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE), bl-għajnuna tal-programm Fond Soċjali Ewropew (FSE), se tidentifika u tippremja lil organizzazzjonijiet li qegħdin juru impenn fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tiċċertifikahom bħala organizzazzjonijiet li qegħdin tabilħaqq joffru opportunitajiet indaqs lill-impjegati rġiel u nisa tagħhom. Aspett ta' din iċ-ċertifikazzjoni huwa l-logo tal-Marka tal-Ugwaljanza (Equality Mark) li l-organizzazzjonijiet se jkollhom id-dritt jużaw fil-pubblikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni tagħhom. Barra minn dan, l-organizzazzjonijiet iċċertifikati jingħataw promozzjoni lokalment b'mod li l-prattika tagħhom tiġi rreklamata bħala standard ta' kwalità li organizzazzjonijiet oħra għandhom jimitaw u li kull min qed ifittex impjieg għandu jippreferi.

EQUALITY CERTIFIED
NCPE

## NIMXU MAŻ-ŻMINIJIET...

Ħafna negozji jħossu l-bżonn li jżommu aġġornati mar-realtajiet ta' kif ħafna mill-familji tal-lum qegħdin jgħixu u jaħdmu. Dawn l-organizzazzjonijiet jiżguraw li l-opportunitajiet offruti lill-impjegati tagħhom, irġiel u nisa, huma ibbażati fuq il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-individwi u mhux iddeterminati mis-sess tal-persuni, mill-istat ċivili tagħhom, tqala jew potenzjal ta' tqala, jew mill-fatt li l-persuni jkollhomx responsabbiltajiet ta' kura għal persuni dipendenti.







## X'INHUMA L-BENEFIĊĊJI GĦALL-ORGANIZZAZZJONI?

Skont diversi sondaġġi li saru madwar id-dinja, l-organizzazzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika organizzattiva tagħhom, jidher li għandhom vantaġġ ċar fuq negozji oħra li joperaw fis-settur tagħhom. Dan instab li huwa dovut għal għadd ta' fatturi li jinkludu:

- **Aċċess għall-grupp sħiħ ta' talent:** hemm ċans aħjar li reklutaġġ miftuħ għan-nisa u għall-irġiel jaqbad lill-individwi l-aktar kreattivi u ta' ħila.
- **Profittabbiltà akbar permezz tal-inklużjoni taż-żewġ sessi:** l-inkuraġġiment mogħti liż-żewġ sessi f'kull livell tal-organizzazzjoni jfisser approċċi aktar innovattivi bbażati fuq il-ħiliet u l-esperjenzi differenti tal-impjegati rġiel kif ukoll tal-impjegati nisa.
- **L-istatus ta' 'organizzazzjoni ppreferuta':** organizzazzjonijiet li jakkomodaw livell ta' flessibbiltà filwaqt li joffru opportunitajiet għall-iżvilupp fuq il-post tax-xogħol, jiġbdu lejhom l-impjegati li għandhom l-akbar talenti.
- **Inqas spejjeż grazzi għaż-żamma tal-impjegati:** aċċess ugwali għal miżuri favur il-familja jgħin biex l-organizzazzjonijiet ikkonċernati jżommu magħhom persuni ta' valur, u b'hekk jiffrankaw l-ispejjeż ta' reklutaġġ ġdid u ta' taħriġ.
- **Il-perspettiva tal-klijenti:** grazzi għall-involviment taż-żewġ sessi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-organizzazzjoni għandha ċans akbar tissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-klijenti tagħha.
- **Ġestjoni ta' riskju:** it-tħaddin ta' politika u strutturi kummerċjali li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-impjegati kollha, jilqa' kontra problemi legali li jistgħu jinqalgħu u kontra d-danni għar-reputazzjoni minħabba l-possibbiltà ta' litigazzjoni.
- **Ħolqien ta' opportunitajiet għal negozju ġdid:** qiegħda tikber fost l-investituri u l-impriżi, it-tendenza li jikkunsidraw il-prattika u l-politika organizzattiva favur il-promozzjoni u l-ħarsien tal-ugwaljanza bejn is-sessi: dawn l-entitajiet qegħdin ifittxu dejjem aktar li jaħdmu ma' organizzazzjonijiet li jħaddnu l-istess prinċipji f'dan il-qasam.

## X'INHUMA L-KRITERJI GĦAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI?

Sabiex jingħata ċ-ċertifikat tal-Marka tal-Ugwaljanza, huwa meħtieġ li l-organizzazzjoni turi li tinsab impenjata li:

- Timplementa politika favur l-ugwaljanza u kontra l-fastidju sesswali fuq ix-xogħol;
- Tieħu miżuri biex ikunu żgurati opportunitajiet indaqs fil-prattika tar-reklutaġġ u l-impjieg, u kif ukoll fil-proċess ta' żvilupp personali u fil-karriera;
- Taħtar rappreżentant/a jew rappreżentanti tal-ugwaljanza minn fost l-impjegati tagħha;
- Timplementa miżuri li jirrispettaw il-ħtiġijiet tal-familji tal-impjegati nisa u rġiel, u lil dawk li għandhom responsabbiltajiet ta' kura għal dipendenti toffrilhom għażliet biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħajja privata u l-ħajja tax-xogħol;
- Tissorvelja l-modi kif sistemi jew politika ġodda jistgħu jaffettwaw lill-impjegati rġiel u nisa;
- Tiżgura li kull oġġett jew servizz ipprovduti u/jew immaniġjati mill-organizzazzjoni jkunu aċċessibbli b'mod ekwu kemm għall-klijenti rġiel kif ukoll għall-klijenti nisa.